Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Mag. Juris (Eur Law)
Awla 9

Il-Pulizija

(Spettur Angelo Baldacchino)

vs

Dominic Cuschieri u Saviour Cachia

Illum 23 ta' Lulju, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotta kontra l-imputat fuq imsemmi Dominic Cuschieri, iben Nazzareno u Dolores, imwielda Sapiano, imwieled il-Pieta fit-12 ta' Novembru, 1961 u detentur tal-karta tal-identita Nru 712161(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f'Bormla fl-24 ta' Settembru, 1999 ghall-habta tal-4.00 ta' wara l-ikel ikkommetta serq ta' Video Recorder tal-ghamla Samsung li l-valur tieghu huwa ta' aktar minn LM100, izda inqas minn LM500 ghad-dannu ta' Miriam Reid, liema serq kien ikkwalifikat bil-mezz, valur

u lok bi ksur tal-Artikoli 263, 267, 269 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Barra minn dan talli fl-istess cirkustanzi xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibeighhom jew imexxi l-istess Video Recorder bi ksur tal-Artikolu 334 (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli Dominic Cuschieri wahdu bl-istess cirkustanzi sar recidiv b'diversi sentenzi li gew definittivament decizi;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputati fuq imsemmija iwiegbu li ma kellhom l-ebda oggezzjoni li l-kaz taghhom jinstemgha bi procedura sommarja.;

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Frar, 2000 fejn ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront taz-zewg imputati fuq imsemmija;

Rat is-sentenza taghha tat-22 ta' Marzu, 2000 fl-ismijiet fuq premessi fejn il-Qorti tat is-sentenza fil-konfront tal-imputat Saviour Cachia;

Semghet ix-xhieda kollha li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu u d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi minkejja l-fatt illi l-kawza giet differita ghall-provi tad-difiza u cioe' tal-imputat Dominic Cuschieri mis-17 ta' Ottubru tas-sena 2000 sas-seduta tal-**4 ta' April tas-sena 2002** baqa ma sar xejn u ghalhekk il-Qorti wara li kienet wissiet lill-imputat diversi drabi f'dan is-sens kellha bil-fors tghaddi ghas-sentenza fuq il-provi illi kellha.

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fl-24 ta' Settembru, 1999 l-Ispettur Angelo Baldacchino kien gie infurmat mis-Surgent 1354 illi kien wasalu rapport illi mir-residenza 5 Triq Guiliermo Bormla kien insteraq xi 'video recorder' proprjeta ta' Miriam Reed. Gie arrestat flimkien mal-imputat l-iehor l-imputat Dominic Cuschieri illi volontarjament wara li inghata s-solita twissija irrilaxxja stqarrija lill-pulizija.

Illi fl-istqarrija tieghu li tinsab a fol. 13 tal-process l-imputat Dominic Cuschieri ammetta illi fil-gurnata, hin u lok kif imsemmi fic-citazzjoni huwa flimkien mal-imputat Saviour Cachia kienu serqu 'video recorder' li kienu kebbewh

f’xugaman.  L-imputat Dominic Cuschieri gharaf il-‘video recorder’ fl-ufficju tal-Ispettur Angelo Baldacchino.  L-imputat Dominic Cuschieri kompla jghid fl-istqarrija tieghu illi huwa u siehbu nizlu s-suq ta’ Bormla, Saviour habbat lil xi hadd sabiex ibieghlu l-‘video’.  L-imputat Dominic Cuschieri mar flimkien ma Saviour il-Club tal-Bocci tal-Birgu.  L-imputat Cuschieri stqarr li huwa baqa fil-karozza u irritorna Saviour u gab mieghu s-somma ta’ ghoxrin lira (LM20) u informa lill-imputat Dominic Cuschieri li din kienet is-somma li kien irrikaza mill-bejgh tal-‘video recorder’ misruq.  Dominic Cuschieri kompla jghid fl-istqarrija tieghu illi Saviour mar ihallas b’dawn l-ghoxrin lira (LM20) dejn illi kellhom flimkien jigifieri li kellhom flimkien Dominic u Saviour.

Illi xehed f’dawn il-proceduri Saviour Cachia wara illi l-proceduri fil-konfront tieghu kienu inqatghu b’mod definittiv u qal illi huwa u l-imputat Dominic Cuschieri kienu marru fil-hin, lok u gurnata kif imsemmi fl-imputazzjoni f’dar u sabu ‘video’ illi kienu gezwru f’xugaman u serquh.  Sussegwentement huwa u l-imputat kienu iddejnu fuq dan il-‘video’ misruq is-somma ta’ ghoxrin lira (LM20) u l-flus hallsuhom dejn illi kellu hu, jigifieri Saviour Cachia u l-imputat fuq imsemmi Dominic Cuschieri.

Ikkunsidrat :

Illi Dr Carmelo Mifsud Bonnici ghall-imputat kien ezenta lill-Prosekuzzjoni milli tressaq il-prova tal-identita fir-rigward ta' diversi sentenzi ghall-fini tal-akkuza ta' recidiva fil-konfront tal-imputat Dominic Cuschieri. Ghalhekk l-akkuza tar-recidiva certament gie ippruvata fil-konfront tal-imputat Dominic Cuschieri.

Illi irrizulta wkoll kemm mill-istqarrija illi irrilaxxja l-imputat Dominic Cuschieri lill-pulizija, kif ukoll mix-xhieda prodotti illi Dominic Cuschieri huwa hati ukoll tal-ewwel imputazzjoni, dik ta' serq, pero' huwa ghandu jigi liberat mit-tieni imputazzjoni dik tar-**ricettazzjoni**, peress illi una volta jirrizulta is-serq ma jistax jirrizulta wkoll ir-reat ta' **ricettazzjoni.**

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-Qorti wara illi rat l-Artikoli 261(b), 261(c), 261(e), 263, 264, 265, 266, 267, 269, 278, 279, 280 u 281 tal-Kap. 9, kif ukoll l-Artikoli 20, 31, 49 u 50 tal-Kap. 9 issib lill-imputat Dominic Cuschieri hati tal-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u tilliberah mit-tieni imputazzjoni illi ma gietx ippruvata fil-konfront tieghu.

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-fatt il-fatt illi l-imputat Dominic Cuschieri ghandu fedina penali preokkupanti ferm. Jidher car illi dan l-imputat ma jridx jirriforma ruhu u jaqbad it-triq it-tajba u dana peress illi kif jirrizulta mill-istess fedina penali tal-imputat minkejja l-fatt illi kien ighata diversi opportunitajiet mill-Qrati taghna sabiex jirriforma ruhu, baqa jikkommetti reati.  Ghaldaqstant, il-Qorti ma ghandha l-ebda triq ohra hlief illi tikkundanna lill-imputat Dominic Cuschieri misjub hati kif diga intqal ghal prigunerija ta' sentejn illi minnha ghandu jitnaqqas kull zmien illi l-imputat Dominic Cuschieri ghamel taht arrest preventiv.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur